**327. L-Onor Joe Sammut MP:**

Din il-Kamra:

TINNOTA li l-gvern, permezz ta' entita' tiegħu, ħareġ sejħa biex jiġu pprivatizzati il-postijiet tal-parkeġġ madwar il-pajjiż kollu għal għaxar (10) snin;

TINNOTA li f'din is-sejħa ma hemm l-ebda indikazzjoni dwar it-tariffi li se jinżammu, anzi qed jingħad li dawn se jiġu stabbiliti mill-operatur inniffsu, u ma hemmx salvagwardja għall-interessi tal-konsumaturi;

TITĦASSEB li sejħa bħal din, mingħajr ma saret konsultazzjoni wiesgħa, jista' jkollha effett ħażin fuq familji residenti kif ukoll negozji;

TITĦASSEB li l-Kunsilli Lokali ilmentaw li ma ġewx konsultati dwar dan l-iżvilupp li se jolqot direttament lill-kommunitajiet madwar il-pajjiż, u dan bi ksur tal-prinċipju tas-sussidjareta';

TIFHEM it-tħassib li qed iqum fost il-familji u negozji li qed jaraw inċertezza dwar dan kollu se jaffetwa l-ispejjeż u livell tal-għixien tagħhom.

Għalhekk, din il-Kamra:

TESIĠI li l-Gvern;

JIRTIRA din is-sejħa b'mod mmedjat;

JIFTAĦ proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa u adegwat mall-Kunsilli Lokali, korpi kostitwiti u pubbliku in ġenerali;

JIRRAPORTA lura lil Parlament dwar l-eżitu ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni biex tkun deċiża t-triq 'il quddiem.

28.09.12